**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit**

Il-Pulizija
(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)

Vs

Rita Gafa'

Illum 23 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti :-

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Rita Gafa', bin Anthony Spiteri u Concetta Spiteri nee' Borg, imwieled Pieta' fis-26 ta' Ottubru, 1966 u residenti 87, Triq l-Imsagar, Attard u detentrici ta' l-karta ta' l-Identita' numru 522666 M.

L-imputata giet akkuzata talli fit-22 ta' Awwissu, 2017 għal ħabta ta' 19,10 hrs f'Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar, saqet il-vettura bin-numru ta' r-registrazzjoni TWO 531;

1. U aktar meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ta' t-traffiku, involontarjament ikkagunat offizi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Carmel Camilleri skond kif iccertifika Dr. Christian Psaila MD mill-MDH;
2. U b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ta' t-traffiku, ħabtet ma' vettura numru ACH 564 u involontarjament ikkagunat ħsarat għad dannu ta' Joseph Camilleri;
3. U aktar talli saqet l-imsemmija vettura b'manjiera

perikoluza;

4. U aktar talli saqet l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
5. U aktar talli saqet l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;
6. U aktar talli waqt li kienet qed issuq l-imsemmija vettura qasmet il-linja l-bajda kontinwa;
7. U aktar talli naqset li tezercita l-kura u attenzjoni xierqa u taghmel sinjal meta kienet ser tbiddel id-direzzjoni taghha.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tagħha ta' s-sewqan.

Il-Qorti:

Rat id-dokumenti – il-Full Road Traffic Accident Report, affidavit ta' PS 1350 Christian Xuereb, certifikat mediku ta' Carmel Camilleri fejn gie iccertifikat li kien qed isofri minn grieħi ta' natura ħafifa salv kumplikazzjonijiet.

Dr. Albert Zerafa ghal imputata bla pregudizzju accetta li l-grieħi sofferti minn Carmel Camilleri kienu ta' natura ħafifa.

Gietipprezentata mill-Prosekuzzjoni referta negattiva ta' Carmel Camilleri.

Peress li l-kawza hija ta' natura sommarja, il-Qorti ipprocediet bis-smiegh tal-kawza fl-istess seduta.

Il-Prosekuzzjoni ma kellhiex iktar provi x'tipproduci.

Id-difiza ma kellhiex provi x'tipproduci.

Stante nuqqas ta' provi, l-imputata giet illiberata.

DR. YANA MICALLEF STAFRACE
MAGISTRAT